8 ta' Marzu, 1954.

Imħallef:
L-Onor. Dr. J. Caruana Colombo, B.Litt., LL.D.

**Alfred Vella Gera** *versus* **Nutar Dr. Vincenzo Maria Pellegrini ne.**

## Copyright — Fotografija — Riproduzzjoni — Sect. 5 tal-Copyright Act, 1911.

*B'applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Copyright Act, 1911, il-proprjetarju ta' fotografija għandu d-dritt tal-Copyright fuq l-istess fotografija, u għalhekk għandu d-dritt esklużiv tar-riproduzzjoni tagħha. Proprjetarju ta' fotografija huwa l-awtur tagħha; u huwa l-awtur tagħha dak li kien jippossjedi n-negativa oriġinali fiż-żmien meta saret dik il-fotografija.*

*Imma jekk il-fotografija tkun saret b'ordni ta' ħadd ieħor u bi ħlas, allura, fl-assenza ta' ftehim kuntrarju, il-proprjetà tal-fotografija tkun tal-persuna li ordnatha.*

*Imma bi "ħlas" wieħed għandu jifhem kumpens rilevanti, u mhux ħlas kwalunkwe; b'mod li, jekk il-persuna li tordna r-ritratt tħallas lil min jagħmlu l-ispejjeż biss, il-proprjetà tal-fotografija tibqa' ta' min għamel ir-ritratt.*

*It-trasferiment tal-copyright ma jiswiex jekk ma jsirx bil-miktub u jiġi firmat mill-proprjetarju tal-copyright.*

Il-Qorti, — Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur ħalab illi, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet neċessarji u jittieħdu l-provvedimenti kolliha opportuni, il-konvenut jiġi kundannat, fil-kwalità tiegħu premessa, iħallsu dik is-somma li tiġi likwidata minn din il-Qorti bħala danni talli huwa ppubblika fin-numru 8, Anno Terzo, tar-rivista "La Crociata", minnu diretta (dok. A), u preċiżament fil-folji 190, 193, 194, 200, 201, 202, 203, 204, 205, 206, 207, 208, 211, 216, 217, 218, 220, tmin'ax (18) il-fotografija li l-"Copyright" tagħhom hi tiegħu, u dan mingħajr awtorizzazzjoni tal-proprjetarju, anzi kontra l-volontà espressa tiegħu (dok. B), u b'hekk il-"Copyright" tiegħu ġiet miksura. Bl-ispejjeż kontra l-konvenut nomine, li ġie mħarrek għas-subizzjoni;

*Omissis;*

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut fil-kwalità tiegħu fuq imsemmija, li biha jesponi illi, qabel xejn, il-kawża kien messha ġiet istitwita quddiem il-Qorti tal-Kummerċ, kif ordinarjament isiru kawżi simili; illi, fil-meritu, id-domanda ta' l-attur hi insostenibili, peress illi l-attur ma għandux favur tiegħu l-"Copyright", għax dan id-dritt jinsab investit fil-persuna li inkarigatu bix-xogħol, ċjoè fil-Wisq Reverendu Padre Bernardo Farrugia, Provinċjal ta' l-Ordni Karmelitan f'Malta; illi, fi kwalunkwe każ, huwa kien 'in buona fede', kif jiġi pruvat 'il quddiem; illi minn dan jidher illi hija meħtieġa l-kjamata fil-kawża ta' l-imsemmi Padre Farrugia fil-kwalità fuq indikata. B'riżerva ta' eċċezzjonijiet oħra;

*Omissis;*

Rat il-verbal tas-seduta tat-23 ta' Frar 1952, li minnu jirriżulta illi l-konvenut, per mezz tad-difensur tiegħu, iddikjara illi l-eċċezzjoni tiegħu li sol'u kawża simili jiġu deċiżi mill-Qorti tal-Kummerċ ma għandhiex titqies bħala eċċezzjoni ta' l-inkompetenza, u rrimetta ruħu għad-deċiżjoni tal-Qorti;

Rat id-digriet tagħha ta' l-istess ġurnata, li bih ġie dikjarat illi n-natura "per sè" tal-kawża hija essenzjalment ċivili, imma mhux eskluż illi kawżi simili jistgħu jkunu ta' na-

tura kummerċjali, skond il-mod kif il-persuna tkun użat id-drittijiet tagħha;

*Omissis:*

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet ta' l-imsejjaħ fil-kawża Padre Bernardo Farrugia, fil-kwalità tiegħu ta' Provinċjal ta' l-Ordni tal-Karmelitani, li biha jissottometti illi huwa akkwista minn għand l-attur il-fotografiji li fuqhom kellhom isiru l-blokki għall-istampa, u ta' dan l-attur ġie regolarment imħallas; illi fil-ftehim bejn l-attur u bejnu ma saret ebda espressa limitazzjoni għall-użu ta' l-imsemmija blokki; illi għal din ir-raġuni huwa kellu l-"copyright" u seta' jagħmel l-użu li jrid. Għaldaqstant id-domanda ta' l-attur għandha tiġi respinta; bl-ispejjeż;

Omissis;

Rat id-digriet tagħha tat-2 ta' Marzu 1953, li bih ġie nominat perit legali, bl-assistenza ta' perit tekniku, biex jiġi konstatat jekk, meħuda f'konsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi kollha riżultanti s'issa, il-ħlas ta' ħames xelini għal kull waħda mill-fotografiji msemmijin fiċ-ċitazzjoni jirrappreżentax biss l-ispejjeż ta' kull waħda minnhom, jew inkella wkoll iħallix profitt lil min eżegwihom;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi għal ħabta ta' Jannar 1950, l-imsejjaħ fil-kawża Padre Farrugia avviċina lill-attur, u talbu jagħmillu pjaċir jeħodlu l-fotografija tal-kwadri kollha li hawn f'Malta u Għawdex rappreżentanti l-Madonna tal-Karmnu, billi ried jippublika ktieb għall-okkażjoni tal-festi taċ-ċentinarju ta' l-istess Madonna; imma qallu illi qabel jibda x-xogħol jagħtih il-prezz, biex ikun jaf kemm kien sejjer iħallas. L-attur qallu illi kien ser jeħodlu ta' l-ispejjeż biss, jiġifieri 5s. għal kull fotografija. Biex jieħu dawk il-fotografiji l-attur ċertament kellu bżonn ta' ċerti apparati, fosthom ir-riflettur u l-cable ............... Padre Farrugia aċċetta u qallu biex jibda x-xogħol; u dan, wara illi huwa kien ottjena l-permessi meħtieġa minn għand il-Kappillani jew Retturi tal-Knejjes............ ħa l-fotografiji tal-kwadri relativi tal-knejjes ta' Malta. Dawk tal-Knejjes ta' Għawdex ma ħadhomx. Għal kull fotografija

li kien jieħu, malli jlestiha, l-attur kien jagħti, fost oħrajn, waħda lil Padre Farrugia, biex fuqha jagħmel il-blokki. Fuq kull kopja huwa kien jagħmel bir-"rubber stamp" il-"copyright" tiegħu — "Copyright Vela-Malta";

Fil-kors ta' dan ix-xogħol, Padre Farrugia qal lill-attur jekk setax jagħmillu kartolini aktar ta' dawk il-fotografiji biex ikun jista' jiċċirkolahom, u l-attur wiegbu illi kien jagħmillu, imma bi prezz ferm aktar konvenjenti, li semmihulu, u li Padre Farrugia ma aċċettax;

Wara illi spiċċa x-xogħol, Padre Farrugia mar biex iħallas lill-attur, u f'dik l-okkażjoni, it-8 ta' April 1950, dana ppreżentalu d-dokument "B" fil-fol. 18 tal-proċess, li kien jurı illi l-attur kien qiegħed jagħti permess lil Padre Farrugia biex dana jirriproduċi dawk il-fotografiji biss fil-librett jew ktieb ġa msemmi, u talbu biex jiffirmah; imma Padre Farrugia ma riedx jiffirmah. L-attur ma baqax jinsisti għal dik il-firma; għad illi kompla juri premura għaliha; imma iffirma huwa dak id-dokument, u poġġa fuqu bolla; u dan għamlu fil-preżenza ta' Padre Farrugia. Dana bagħat il-kartolini barra minn Malta u ordna l-blokki, u, wara illi ġew il-kliċejiet, stampa l-librett "Malta Karmelitana" (fol. 23), u ppublikah bil-għajnuna tal-konvenut. Huwa ta xi kopji lill-attur, li pprotesta miegħu meta ra illi f'dak il-librett kien issemma illi l-"copyright" kien tal-Patrijiet Karmelitani, u mhux tiegħu; imma mbagħad deher kuntent meta osserva illi kien ukoll jissemma illi xi fotografiji riprodotti f'dak il-librett kienu ġew mehuda minnu, u illi r-riproduzzjoni tagħhom ma kienetx permessa lil ħadd ieħor. Aktar wara, fuq suġġeriment tal-konvenut, Padre Farrugia aċċetta illi l-istess konvenut joħroġ numru speċjali tar-rivista "La Crociata", li tagħha huwa hu l-Editur, b'kommemorazzjoni tal-festi ċentinarji ġa msemmija, u fiha jirriproduċi x'uħud mill-fotografiji li kien ha l-attur u li kienu ġew riprodotti fil-"Malta Karmelitana". Għal dan l-iskop Padre Farrugia ta lill-konvenut il-blokki, u ġie format u publikat dak in-numru speċjali (dok. A fol. 4) taħt ir-responsabilità tal-konvenut (fol. 17). Meta dan in-numru ġie f'idejn l-attur, dana ried jitħallas għal dik ir-riproduzzjoni fih ta' dawk il-fotografiji, u kellem dwar daqs-

hekk tan. lil Padre Farrugia kemm lill-konvenut; imma billi dawn ćahduiu t-tnejn illi huwa kellu l-"copyright" ta' dawk il-fotografiji, l-attur gie b'din il-kawża;

Ikkunsidrat;

Illi l-attur jippretendi illi l-"copyright" tal-fotografiji msemmijin fiċ-ċitazzjoni hi tiegħu, u r-riproduzzjoni tagħhom fir-rivista "La Crociata" ma setgħetx issir mingħajr l-awtorizzazzjoni tiegħu;

Illi, skond il-Copyright Act, 1911, li hi l-liġi li tirregola din il-materja f'dawn il-Gżejjer, "copyright means the sole right to produce or reproduce the work or any substantial part thereof in any material form whatsoever" (sez. 1 (2) ); u "for the purpose of this Act, publication in relation to any work means the issue of copies of the work to the public". Is-sezzjoni 2 ta' l-Att tistabbilixxi illi "copyright in a work shall be deemed to be infringed by any person who, without the consent of the owner of the copyright, does anything the sole right to do which is by this Act conferred on the owner of the copyright";

B'applikazzjoni ta' dawn in-normi jidher illi l-azzjoni ta' *l-attur hi bażata, jekk huwa hu l-proprjetarju tal-copyright* ta' l-imsemmijin fotografiji. L-attur jidher illi hu l-proprjetarju ta' dik il-copyright, billi, skond is-sezz. 5 ta' l-istess Att, "the author of a work is to be the first owner of the copyright therein"; u l-attur hu l-awtur ta' dawk il-fotografiji, billi, skond l-istess Att, "the person who was the owner of the original negative at the time when such negative was made is to be deemed the author of the work" (Copinger, On the Law of Copyright", p. 96, 8th. edition), u l-attur *kien u baqa' l-proprjetarju tan-negativi originali ta' l-imsemmijin* fotografiji;

Imma fis-sezzjoni 5 (1) (a) ta' dak l-Att, hemm kondizzjoni proviżjonali, li biha jingħad illi "where in the case of a............. photograph, the plate or other original was ordered by some other person, and was made for valuable consideration in pursuance of that order, then, in the absence of any agreement to the contrary, the person by whom such plate or other original was ordered shall be the first owner

of the copyright". Fil-każ taħt eżami, dawk il-fotografiji ġew ordnati lill-attur mill-imsejjaħ fil-kawża Padre Farrugia; u għalhekk irid jiġi eżaminat (1) jekk dik l-ordni kienetx "for valuable consideration", u, f'każ li kienet hekk, (2) jekk kienx hemm "agreement to the contrary" li l-copyright ma jibqax ta' Padre Farrugia;

Illi "a valuable consideration in the case of the law may consist either in some right, interest, profit or benefit, accruing to the one party, or some forbearance, detriment, loss, or responsibility, given, suffered, or undertaken by the other" (Stroud's Judicial Dictionary, p. 378, 2nd. edition). "For valuable consideration" ifisser "dietro un rilevante compenso" (Kolleż. Vol. XXV—I—1045);

It-tifsir mogħti lill-espressjoni "valuable consideration" jeskludi illi fil-każ taħt eżami l-ordni mogħti minn Padre Farrugia lill-attur sar għal din il-konsiderazzjoni. Evidentement Padre Farrugia inkariga lill-attur għal dak ix-xogħol biex jiffranka l-flus; huwa ma marx għand fotografu professjonista: u meta avviċina lill-attur, talbu "jagħmillu pjaċir" jeħodlu dawk il-fotografiji. Kif xehed l-istess Padre Farrugia, il-ftehim kien illi l-attur għal dak ix-xogħol jieħu ta' l-ispejjeż biss...........; u għalhekk l-ordni ma saretx "for valuable consideration", għaliex ma sarx ftehim li minnu l-attur għal dak ix-xogħol kellu jkollu biss kumpens "rilevanti", imma lanqas "ebda" kumpens jew "profitt"...........;

Hemm ukoll xi ċirkustanzi li juru illi l-ftehim kien biss għall-ħlas ta' l-ispejjeż, u mhux ukoll għall-"mano d'opera", u kwindi għall-profitt ta' l-attur...........;

Għalhekk ma japplikax għall-każ taħt eżami l-komment ta' Halsbury (Laws of England, Vol. VIII, p. 193), ċitat minn Padre Farrugia, u li jgħid hekk :— "When a person employs a photographer in the ordinary way and pays for the copies ordered, the copyright in the photograph belongs to the customer". Għaliex f'dan il-każ Padre Farrugia ma ttrattax ma' l-attur "in the ordinary way", jiġifieri l-ftehim bejn l-attur u Padre Farrugia ma kienx dak normali, meta dak li jkun jordna fotografija mingħajr ma jiftiehem xejn fuq il-prezz, jew li jkun irid jaf bejn wieħed u ieħor kemm jilħaq il-prezz, imma

ssemma espressament u ġie miftiehem illi l-attur kellu jitħallas biss għall-ispejjeż li kien sejjer jagħmel, u ma jieħu xejn bħala qliegħ; biss l-ispejjeż ġew fissati preventivament, fissens illi, kieku l-attur għamel spejjeż aktar, Padre Farrugia ma kienx ikun tenut li jħallashom;

Illi lanqas jista' jingħad li dik il-copyright għaddiet għand Padre Farrugia f'xi żmien wara l-ewwel ftehim. F'ċertu żmien l-attur kien ipprotesta ruħu ma' Padre Farrugia meta dana ma riedx jiffirma d-dokument fuq imsemmi fil-fol. 18 talproċess, u Padre Farrugia xehed illi l-attur kien spiċċa biex bħal speċi ppermettielu jirriproduċi dawk il-fotografiji, billi qallu "U iva, all right" (fol. 45 tergo); imma dan ma jfisserx illi l-attur kien irrinunzja għall-copyright tiegħu, jew illi huwa ttrasferixxa dik il-copyright lil Padre Farrugia. Rinunzja mill-attur ma kienx hemm; żgur mhux dik espressa, għaliex dawk il-kliem ma jammontawx għal rinunzja; u lanqas dik impliċita. Tabilħaqq, kif xehed Padre Farrugia, b'dawk il-kliem b'kollox l-attur ma qattgħax dak id-dokument li huwa ried illi Padre Farrugia jiffirma........... Ma hemmx bżonn jingħad illi l-copyright ma ġietx lanqas trasferita lil Padre Farrugia, billi, fost raġunijiet oħra, skond is-sezz. 5 (2) ta' l-Att fuq imsemmi, l-"assignment" ta' copyright mhux validu jekk ma jsirx "in writing" u firmat mill-"owner"; u f'dan il-każ ma jirriżultax illi kien hemm dan it-trasferiment b'xi kitba;

Ikkunsidrat;

Illi mhux kontrastat illi r-riproduzzjoni tal-fotografiji fuq imsemmijin fir-rivista "La Crociata" ma saretx bil-kunsens ta' l-attur, u għalhekk, la darba ġie stabbilit illi l-copyright kienet u baqgħet ta' dana, jiġi illi b'dik ir-riproduzzjoni l-istess copyright ġiet miksura, b'mod illi l-attur għandu d-dritt għad-danni (Vol. XXX—I—610), li għandu jsofri l-konsegwenzi tagħhom min kiser id-drittijiet ta' dik il-copyright (Vol. XXV—I—1045; XXX—I—592);

Ikkunsidrat;

Illi t-talba ta' l-attur tinsab limitata għad-danni minħabba fir-riproduzzjoni tal-fotografiji li tagħhom għandu l-copyright, magħmula mingħajr kunsens tiegħu mill-konvenut firrivista "La Crociata". Ma jirriżultax mill-provi illi, meta għa-

mel dik *ir-riproduzzjoni*, il-konvenut kien jaf, jew kellu xi sus-pett, illi l-copyright ta' dawk il-fotografiji kienet ta' l-attur, u mhux ta' Padre Farrugia. Jirriżulta illi huwa ma rax il-kartolini li fuqhom kien hemm miktub bir-"rubber stamp" il-kliem "Copyright Vela-Malta", li minnhom kien jista' jinduċi jew jiġih suspett li l-copyright imsemmija kienet ta' l-attur: għaliex dawn il-kartolini ma ġew qatt f'idejh, u Padre Farrugia dejjem ittratta miegħu bħal li kieku huwa kien il-proprje-tarju esklużiv ta' dik il-copyright, billi qallu biex imur l-istamperija u jistampa kemm irid (fol. 87 tergo). Għalhekk jid-her illi l-konvenut irnexxielu jipprova l-allegazzjoni tiegħu li huwa, meta rriproduċa fir-rivista "La Crociata" dawk il-foto-grafiji, ma kienx jaf, u lanqas ma seta' jissuspetta, illi l-attur kellu l-copyright tagħhom; u għalhekk il-konvenut ma għan-dux jiġi ritenut passibili għad-danni li seta' sofra l-attur bil-ksur ta' dik il-copyright (Vol. XXVIII-III-1333). Liema danni għandu jirrispondi għalihom Padre Farrugia, għaliex kien huwa li qal lill-konvenut biex jirriproduċi dawk il-foto-grafiji fl-imsemmija rivista;

*Għal dawn ir-raġunijiet*;

*Tiddeċidi* billi tiddikjara illi l-konvenut ma huwiex res-ponsabili għad-danni mitluba mill-attur, u hekk tirrespinġi t-talba in kwantu diretta kontra tiegħu; u illi responsabili għall-istess danni hu talvolta l-imsejjaħ fil-kawża. U tordna illi dawn id-danni jiġu eventwalment likwidati f'ġudizzju separat. L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu b'dan il-mod: dawk ta' l-attur iħal-lashom l-imsejjaħ fil-kawża; u kull wieħed mill-imsejjaħ fil-kawża u l-konvenut iħallas l-ispejjeż tiegħu.